MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Mandat Numru. 1544/2007/1

**Joseph Borg**

**vs**

**Louis Mercieca**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat ir-rapport ta` l-perit tekniku Godwin Abela inkarigat mill-istess Qorti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta jimponi zewg rekwiziti ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni.

*“Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet”.*

Fil-kaz in ezami, il-Qorti m`hijiex sodisfatta li jezistu z-zewg rekwiziti mposti mil-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tirrevoka d-digriet taghha tas-16 ta` Ottubru, 2007 u tichad it-talba.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------